MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 308/2009

**Middlesea Insurance plc (C 5553) kif surrogata bil-ligi u bil-polza tad-drittijiet ta' Mizzi Motors Ltd.**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Ltd (C 38888) u S. Mifsud & Sons Ltd (C341)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-Avviz is-socjeta' attrici qed titlob li s-socjetajiet konvenuti, jew minn minnhom, jigu kkundannati jhallsuha l-*quantum* ta' tmien mija u hmistax –il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€815.29) liema somma giet imhallsa minnha lis-socjeta' assikurata Mizzi Motors Ltd in konnessjoni ma nuqqasijiet u spejjez ohra sofferti mis-socjeta' assikurata. Dana in konnessjoni mal-hsara mgarrba mill-vettura AUDI nru tax-chassis 173437 flimkien ma' vetturi ohra li waslu Malta fuq l-MV Neptune

Hellas. Dan wasal Malta fl-10 ta' April 2008. Is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' Mizzi Motors Ltd. Flimkien ma sitta u sittin Ewro u tmien centezmi (€66.08) spejjez ta' survey - mela tmien mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€881.37) b'kollox.

Bl-ispejjez u l-imghax.

**Ra** li s-socjeta' Valletta Gateway Terminals Ltd ressqet Risposta fis-sens li d-danni allegatament sofferti ma sehhewx b'xi nuqqas jew htija taghha. Hi qdiet il-funzjonijiet taghha bl-ahjar diligenza.

**Ra** li s-socjeta' S.Mifsud & Sons Ltd ressqet Risposta fejn qalet li hi m'ghandha ebda responsabilta' ghall-allegati danni.

II PROVI

1. Lucienne Cini, *Senior Executive Officer* fil-*Claims Department* tal-Middlesea Insurance qalet li ma' l-MV Neptune Hellas kienu dahlu tnax –il Audi u wahda minnhom kienet bil-hsara (ara Dok LC1, gate pass out – fol. 3). Esebit ukoll Dok S2 u 3, ittra lil kull wahda miz-zewg socjetajiet konvenuti li zzammew responsabbli ghall-hsara (a fol. 14 u 15).

2. Bhala Dok LC 4 ix-xhud esebixxa r-rapport u stima tal-hsara maghmul mis-socjeta' GMSC Ltd imqabbda mill-Middlesea. Id-Dok LC5, rilaxxat minn Mizzi Motors Ltd (assigurati tal-Middlesea) juri l-hlas ta' €815.29 li sarilha (Jigi notat li fix-xhieda ta' Lucienne Cini tissemma c-cifra ta' €115.29c u dan hu *lapsus*). Bhala Dok LC6, *a fol* 19, hemm il-hlas ta' €66.08c lil GMSC Ltd – u allura jirrizulta l-*quantum* totali ta' €881.37c mitlub fl-avviz. In kontro-ezami qalet li huma jhallsu a bazi tas-*survey* u mhux f'qaghda li taghti dettalji ohra dwar il-hsara. Id-Dok LC hu "*discharge and subrogation form*". Il-pagament sar f'Lulju 2008. Wara li nfethet il-kawza, is-socjeta' Valletta Gateway Terminals Ltd kienet offriet *"out of court settlement*".

3. David Mifsud, hu *Logistics Manager* ma’ Mizzi Motors. In-nies taghhom meta ezaminaw il-vetturi Audi sabu l-hsara f’dik mertu tal-kawza. Il-vetturi kienu jghajjtu lil Continental Cars li hi fi hdan Mizzi Motors. Id-dokumenti LC1 u 2 ikunu nhargu minnhom lil VGT u lill-agent tal-vapur biex izommuhom responsabbli. Id-Dok LC5 jinghatalhom mill-Middlesea biex jikkonfermaw il-hsarat u l-hlas lill-Continental Cars. Hu jista’ jikkonferma l-hsara imma ma jistax jghid f’liema stadju tal-vjagg saret il-hsara.

4. Qal li l-vetturi kienu ghall-*Continental Cars* u t-tiswijiet saru minn Mizzi Motors. Qal li sew ir-rims kif ukoll it-tyre kellhom jinbiddlu u ma kienetx kwistjoni ta’ tiswija. Ma qalx x’sar mir-rims – jivverifika. Bhala Dok DM1 (*a fol* 24 *et seq*) esebixxa l-inkartament kollu relattiv ghall-claim.

5. **Paul Ellul** qal li d-Dok LC4 inhareg minnu bhala surveyor imqabbad mill-Middlesea. Il-vetturi importati minn Mizzi Motors jarahom qabel jittiehdu fil-“port area” ta’ Mizzi. Meta jara xi hsara, jiccekkja ma’ Mizzi biex jistabbilixxi l-*quantum* tal-hsara. Wara dan ihejji dokument bid-deskrizzjoni tal-hsara u l-ammont. Id-danni fid-Dok LC4 u dawk LC1 (Gate Pass Out) huma l-istess – hlief li x-chassis fid-Dok LC1 hu 3437 mentri fid-Dok LC4 hu 173437. Jara l-vetturi wara li jitnizzlu minn abbord. Ma jarax it-*tally sheets*.

6. Is-*survey* ghamlu fit-30 ta’ April jigifieri ghaxart ijiem wara li dahlet il-konsenja – l-ghada li jghidulu. Ritratti ma hax ghax hemm diffikulta’ biex tiehu ritratti fil-“port area”. Kienu “*alloy rims*” bi grif fond. Ma jeskludix li dan sar fl-irbit fuq il-vapur billi l-vetturi jkunu marbutin mir-roti taghhom. Difficli hsara bhal dik issewwiha u jrid isir bdil. Fuq il-prezz qaghad fuq li tawh Mizzi. X’sar mir-*rims* danneggjati ma jafx.

7. Ma eskludiex anqas li l-hsara saret waqt is-sewqan, jigifieri waqt li niezlin minn jew telghu fuq il-vapur. Ma kienx prezenti meta l-vetturi tnizzlu minn abbord.

Dwar il-prezz tar-*rims* qal li meta prezz ma jkunx ragjonevoli, jiddiskuti dan mas-supplier (hawn kien Mizzi) izda f'dal-kaz ma rax prezz mhux ragjonevoli.

8. **David Mifsud** meta rega' xehed (a fol 43) ippreciza hekk:

Mizzi Motors Ltd tiehu hsieb il-logistika cioe ittella l-hazna mix-xatt ghall-warehouse u jekk ikun hemm problema fil-vetturi, tiehu hsieb tinforma lill-insurance li hi l-Middlesea. Ghalkemm il-vetturi jghajtu lil Continental Cars hi Mizzi Motors Ltd li taghmel il-claim, li thallas l-ispejjez li jkun hemm u finalment tigi rimbursata mill-kumpanija assikurattrici involuta. Mid-Dok LC5 jirrizulta li f'dal-kaz hekk fil-fatt sar, il-propjetarji Continental Cars PERO hemm il-mekkanizmu intern kif minnu spjegat.

9. Meta rega' gie msejjah (a fol 62) David Mifsud qal, mistoqsi dwar x'sar mir-rims danneggjati, li l-prassi hi li jekk sa tlieta jew sitt xhur wara li jqum il-kaz hadd ma jmur ghalihom huma jiddisponi minnhom.

F'dal kaz, wara li rega' xehed (a fol 67) qal li ma sab xejn dwar x'sar mill-parts danneggjati. Anqas xi notament partikolari li gew mormija jew meta ghax *records* bhal dawn ma jinzammux.

10. **Lenard Brincat**, *claims supervisor* ma VGT qal li meta l-vetturi nizlu minn fuq Neptune Hellas hemm "covered with dust and dirt and pigeon droppings" – ara tally sheet – a fol 13. Meta l-vetturi jinzlu f'dak , l-istat facilment danni rqaq bhal brix ma tarahx. Huma ma jkunux awtorizzati jmissu karozzi u jispezzjonawhom kif isibuhom u allura mhux l-ewwel darba li wara rrizulta xi brix. Jghid dan b'ghoxrin sena ezperjenza wara dahru u mhux fuq dal-kaz partikolari. Hu jippretendi li f'kazi bhal dawn, izda, jinghataw *salvage parts* u f'dal-kaz dan ma sarx.

11. **Doreen Curmi** esebiet id-Dok DC li fih, ghamlet ezercizzju konsistenti filli, wara li rat dak rimarkat fit-*tally sheet* u *gate pass out* nizzlet xi claim saret dwar l-*alloy*

*wheels* u x'offrew, pero' dwar it-tyre nizzlet "*nil*" ghax huma ma joffrux kumpens ghal *puncture*.

12. **Paul Sultana**, *General manager* ma' SMS Company Ltd qal li l-vapur dahal fl-24 ta' Marzu 2003 u nhattu diversi karozzi u fir-rigward esebixxa t-*tally sheets* PS1 U PS2 (a fol 21/22). It-*tally sheets* huma *clean*. Dawn firmati minn Transport Malta u Valletta Freights.

13. Bhala agenti tal-vapur m'ghandhomx x'jaqsmu meta tinzel il-merkanzija. Il-*Bill of Lading* isir minn sid il-vapur u huma ma jindahlux fiha. Huma jidhlu biex jaraw li jkun hemm *berth* allokat u affarijiet bhal dawn.

In kontro-ezami qal li hu kien waqt li qed jixhed li ra d-Dok M2 (a fol 53). Jaf li hemm prassi li ssir l-ewwel *tally sheet* meta jinzlu l-vetturi u mbaghad fil-compound. Ir-responsabbilta' tal-agent tieqaf meta l-vettura tinzel mill-vapur u hemm jezaminawha ghal xi xi hsara vizibbli. Hu kien jaghmel dak ix-xoghol fi zmien Cargo Handling. Meta dahlu l-VGT inqatghu barra mill-kwistjoni.

14. **Trevor Pullicino**, issa *Manager* ma Transport Malta, qabel kien *tally clerk* u gharaf il-firma tieghu fid-Dok PS1 (a fol 71). Fuq Dok PS2 m'hemmx firma tieghu imma ta' Dennis Satariano. Din issir huma u l-vetturi jkunu hergin mill-vapur. Jekk ikollu xi rimarka x'jaghmel, jaghmilha fuq it-*tally sheet.* It-*tally sheet* tidher *clean.* *I*kun hemm zewg *clerks,* wiehed fuq kull naha. Il-karozzi jieqfu u jduruhom. Ix-*shift* kien mit-tmienja ta' filghodu sal-hamsa ta' filghaxija.

15. Ikun prezenti wkoll rapprezentant tat-Terminal Operator li jkun jaghmel it-*tally* wkoll. Kull vettura jdumu xi minuta biex jezaminawha.

16. Hu jirrimarka xi tip ta' hmieg ikun hemm. Trab ma jirrimarkahx imma hmieg ta' hamiema iva.

17. Finalment S.Mifsud & Sons Ltd esebew "*Bill of Lading*" bhala Dok CV1 (a fol 29).

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal, wara li qies il-provi u sema’ s-sottomissjonijiet tad-difensuri jqis kif gej:

1. L-ewwelnett, a skans ta’ kull ekwikovoku jigi nnotat li Middlesea Insurance PLC harrket korrettament bhala surrogata fid-drittijiet ta’ Mizzi Motors Ltd li attwalment hadet f’idejha l-hlas tal-hsara ta’ vettura ta’ Continental Cars u dana bhala arrangement intern bejn il-kumpaniji. Dan qed jigi kunsidrat peress li waqt is-miegh tal-provi issemmew xi affarijiet bhal dawn avolja hadd, miz-zewg kumpaniji konvenuti, ma qajjem xi eccezzjoni formali fir-rigward.

2. Meta vettura titghabba abbord jekk ma tigix notata ebda hsara fuqha, din ghandha titnizzel minn abbord, bla hsara fuqha. Darba li hekk titnizzel, imbaghad din il-vettura taqa’ that il-harsien tal-Valletta Gateway Terminals sa ma tingabar minn sidha. Waqt l-irtirar din il-vettura trid tkun fil-kundizzjoni li fiha tkun telghet abbord jekk hemmhekk telghet bla hsara.

3. It-TRIBUNAL ihoss li hu pruvat li l-AUDI in kwistjoni, meta gew biex johorguha minghand il-VGT sabuha bil-hsara minnhom imsemmija, fl-*alloy rims* u *tyre* u ta’ dan il-hsara ghandhom dritt li jigi kumpensati. Hawn tqum il-mistoqsija: kumpensati minn min?

4. Wara ezami bir-reqqa tal-provi it- TRIBUNAL ihoss li l-AUDI ma nizlitx minn abbord danneggjata u bi probabbilta’ kbira – allura prova sufficjenti *in civilibu* l-hsara grat meta l-AUDI kienet that il-harsien u responsabbilta’ ta’ VGT.

5. Ghal dak li hu quantum ta’ hsara, Middlesea Insurance PLC ressqet prova rassikuranti permezz tas-*survey* u dan il-quantum ma gie indebolut b’ebda mod.

IV DECIZJONI

Meqjus dan kollu, it-TRIBUNAL jiddeciedi billi –

1. **Jilqa'** l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta S.Mifsud & Sons Ltd u jiddikjaraha mhiex responsabbli ghad-danni mitluba mis-socjeta' attrici u, fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn dawn iz-zewg socjetajiet;

2. **Jichad** l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Valletta Gateway Terminals Ltd;

3. **Jilqa'** t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, il-*quantum* ta' tmien mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€881.37c);

4. **Tikkundanna** lill-istess Valletta Gateway Terminals Ltd li fuq dan l-ammont thallas l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv; u

Fic-cirkustanzi, **tordna** li l-ispejjez tal-kawza bejn dawn iz-zewg socjetajiet jibqghu bla taxxa bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------